

Brussell, 5 ta' Jannar 2026
(OR. en)

5016/26

UEM 1
ECB

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Sa Christine LAGARDE, President tal-Bank Ċentrali Ewropew
data meta waslet:	29 ta' Diċembru 2025
lil:	Is-Sur Thomas WESTPHAL, Direttur Ġenerali, Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije (BĊE/2025/42)
----------	--

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ECB/2025/42.



BANK ĊENTRALI EWROPEW
EUROSISTEMA

MT

RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-19 ta' Diċembru 2025

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije

(BĊE/2025/42)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni tal-Banka Slovenije, Mazars, družba za revizijo, d. o. o., se jintemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja tal-2026. Għalhekk jenħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2027.
- (3) Banka Slovenije għażlet lil ERNST & YOUNG Revizija, poslovno svetovanje, d.o.o. bħala l-awdituri esterni tagħha għas-snin finanzjarji 2027 sa 2029,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

Huwa rakkomandat illi ERNST & YOUNG Revizija, poslovno svetovanje, d.o.o. jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije għas-snin finanzjarji 2027 sa 2029.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-19 ta' Diċembru 2025.

Il-President tal-BĊE

Christine LAGARDE